DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/564

tat-23 ta' April 2020

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/298 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja għall-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' verifika u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Frar 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/298 ([1]).

(2) It-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/298 jipprevedi perijodu ta' implimentazzjoni ta' 24 xahar mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3) ta' dik id-Deċiżjoni, għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha.

(3) Il-ftehim ta' finanzjament mal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) ġie ffirmat fit-28 ta' April 2018 u għalhekk għandu jiskadi fis-27 ta' April 2020.

(4) Fid-19 ta' Marzu 2020, Dr Lassina ZERBO, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO talab estensjoni, sat-30 ta' Novembru 2020, tal-perijodu ta' implimentazzjoni previst fid-Deċiżjoni (PESK) 2018/298, minħabba l-kriżi dinjija li feġġet tal-COVID-19 u s-sospensjoni temporanja marbuta magħha tal-attivitajiet mhux kruċjali tas-CTBTO.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2018/298 tiġi emendata.

(6) L-estensjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/298 sat-30 ta' Novembru 2020 ma taffettwax ir-riżorsi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/298 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fit-30 ta' Novembru 2020.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
G. GRLIĆ RADMAN

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/298 tas-26 ta' Frar 2018 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja għall-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' verifika u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 56, 28.2.2018, p. 34).